22 ta' Jannar, 1945.

**Imħallef:**

Espedito Zammit *versus* Carmelo Saliba

**Appell — Kontumacja.**

*Il-kawża ġusta biex il-parti ma tidhierx quddiem il-Qorti għalkemm ikunu saru kapituli kontra tagħha għandha tikkonsisti f'impediment leġittimu li mħabba fih il-parti ma setgħetx tidher biex tirrispondi għall-kapituli li saru kontra tagħha.*

*In-negliġenza tad-difensur tal-parti ma tistax tiġi kunsidrata bħala kawża ġusta tal-kontumaċja.*

Il-Qorti. — Rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Civili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £8. 10. 0 għal xogħol eżegwit skond ftehim; bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fis-16 ta' Diċembru 1944, fejn laqgħet it-talba ta' l-attur bl-spejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi l-kreditu ġie pruvat permezz tas-subizzjoni mogħtija lill-konvenut, li baqa' kontumaċi, u għalhekk il-kapituli huma preżunti konfessati;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u ċ-ċitazzjoni tiegħu biex dik is-sentenza tiġi revokata; bl-ispejjeż;

*Omissis:*

Tikkunsidra;

Illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna illi l-kawża ġusta biex il-parti ma tidhierx quddiem il-Qorti għalkemm ikunu saru kapituli kontra tagħha, għandha tikkonsisti f'impediment leġittimu, li minħabba f'dan l-impediment il-parti ma setgħetx tirrispondi għall-kapituli li saru kontra tagħha (ara sentenzi ta' din il-Qorti in re "Vella vs. Penza" tal-10 ta' Jannar 1868, "Zammit vs. Gauci" tal-14 ta' Marzu 1925, u 23 ta' Jannar 1923 in re "Farrugia vs. Grech" (Kollez. Vol. XXVI—I—286), ribadit dan il-prinċipju anki f'sentenzi iżjed reċenti (ara sentenzi ta' din il-Qorti "Crane vs. Gauci" ta' l-4 ta' Settembru 1942, "Mercieca vs. Dimech" 30 ta' Ottubru 1942, u "Mercieca vs. Mifsud", tat-3 ta' Mejju 1943);

Tikkunsidra;

Illi gie kunsidrat anki f'sentenzi oħra illi l-kontestazzjoni hija meħtieġa biex id-difensur jista' jgħid lill-parti li ma hemmx bżonn tidher, għalkemm ikun deher huwa biss, taħt ċerti ċirkustanzi (ara sentenza ta' din il-Qorti in re "Preca vs. White ne." ta' l-4 ta' Diċembru 1931 (Kollez. Vol. XXVIII — I — 914); u ġie ritenut ukoll illi n-negliġenza tad-difensur tal-parti ma tistax tiġi aċċettata bħala kawża ġusta għall-kontumaċja, peress illi d-difensur huwa dejjem mandatarju tal-parti, u dan iżjed meta l-parti kellha ordni espress mill-Qorti li tidher f'ċerta ġurnata determinata, u għalhekk, jekk ma deher ħadd, il-ħtija tal-mandatarju għandha taqa' fuqha. U mbagħad hemm ir-raġuni l-oħra illi f'dawn l-aħħar każijiet il-parti tista' eventwalment ikollha rimedju ta' regress kontra min kellu din il-ħtija (ara sentenza fuq ċitata ta' din il-Qorti in re "Crane vs. Gauci" tal-4 ta' Settembru 1942);

Illi s-sentenza ċitata mill-appellant ("Dimech vs. Kaptan Sammut", Appell Ċivili 13. 11. 43), mhijiex applikabili għal dan il-każ; l-ewwelnett għax f'dak il-każ il-konvenuti kienu kontumaċi quddiem l-Ewwel Qorti, iżda ma kienx hemm is-subizzjoni kontra tagħhom; u t-tieni, għax f'dak il-każ il-konvenuti kienu kunsidrati bħala impjegati tal-Gvern fil-kwalità tagħhom ta' Protection Officers u kellhom ordni superjuri illi kwalunkwe ċitazzjoni kellhom jagħtuha lis-superjur ġerarkiku tagħhom biex jibgħatha lill-Attorney General, ħaġa li huma kienu għamlu; għalhekk il-Qorti rriteniet illi ma kienux responsabili ta' kwalunkwe ħtija tas-superjur tagħhom;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddikjara illi l-appellant ma ġġustifikax il-kontumaċja tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, u għalhekk hemm il-preżunta konfessjoni li ġejja mill-kapituli; għalhekk l-appell ma kienx possibili u huwa null, bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

---